

**Sejħa għal Espressjoni ta' Interess (ebda skadenza)**

**għal Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) fl-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)**

**REFERENZA: ACER/SNE/2017/OC**

**1. AĦNA**

L-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") hija korp tal-Unjoni Ewropea ("UE"), stabbilita legalment permezz tar-Regolament (KE) Nru 713/2009, u ilha taħdem mill-2011. L-Aġenzija hija importanti ħafna għal-liberalizzazzjoni tas-swieq tal-elettriku u tal-gass naturali tal-UE.

L-iskop tal-Aġenzija huwa li tassisti lill-Awtoritajiet Regulatorji Nazzjonali ("ARN") sabiex jeżerċitaw, fil-livell tal-Unjoni, il-kompiti regulatorji li wettqu fl-Istati Membri u, fejn ikun hemm bżonn, sabiex jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom.

F'dan ir-rigward, l-Aġenzija:

- a) Tikkumplimenta u tikkoordina l-ħidma tal-ARN;
- b) Tipparteċipa fl-iżvilupp ta' regoli tan-netwerk Ewropew;
- c) Tieġu, taħt ċerti kundizzjonijiet, deċiżjonijiet individwali vinkolanti dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u għas-sigurtà operazzjonali għall-infrastruttura transkonfinali, dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż transkonfinali għal Proġetti ta' Interess Komuni u dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għall-implimentazzjonijiet tal-kodiċi tan-netwerk;
- d) Tagħti pariri dwar kwistjonijiet marbutin mal-elettriku u l-gass naturali lill-istituzzjonijiet Ewropej;
- e) Tissorvelja s-swieq interni fl-elettriku u l-gass naturali u tirrapporta fuq is-sejbiet tagħha;
- f) Tissorvelja l-kummerċ fil-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa sabiex tidentifika u trażżan l-abbuż tas-suq u tiżgura l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa tal-UE.

L-oqsma ewlenin li fuqhom tiffoka l-Aġenzija huma:

- li tappoġġja l-integrazzjoni tas-suq Ewropew: dan tagħmlu l-iktar billi tiżviluppa regoli komuni dwar in-netwerk u s-suq kif ukoll billi tikkoordina inizzjattivi reġjonali li huma sforzi konkreti mill-parteeipanti fis-suq sabiex jaħdmu lejn integrazzjoni ikbar,
- li tagħti pariri lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet marbutin mal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea: l-Aġenzija toħroġ opinjonijiet fuq pjanijiet ta' żvilupp tan-netwerk għal għaxar snin sabiex tiżgura li dawn ikunu konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell tal-UE, u dwar l-abbozz ta' listi ta' Proġetti ta' Interess Komuni,
- li tissorvelja s-suq tal-enerġija: l-Aġenzija għandha missjoni ġenerali f'termini ta' monitoraġġ tas-suq fil-livell tal-UE u, ilha minn tmiem l-2011, b'responsabbiltà speċifika ħafna fir-rigward tas-sorveljanza tan-negozjar tal-enerġija bl-ingrossa.

Bħalissa l-Aġenzija timpjega iktar minn 80 membru tal-persunal u fl-2017 għandha baġit annwali approvat ta' EUR 13.3 miljun. L-istruttura interna tal-Aġenzija tinqasam f'ħames Dipartimenti (Elettriku, Gass, Sorveljanza u Kondotta tas-Suq, Integrità u Trasparenza tas-Suq u Amministrazzjoni) u l-Uffiċċju tad-Direttur. Jekk jogħġbok sib iċ-ċart tal-organizzazzjoni tal-Aġenzija fil-link li ġej:

[http://www.acer.europa.eu/en/The\\_agency/Organisation/Pages/ACER-departments.aspx](http://www.acer.europa.eu/en/The_agency/Organisation/Pages/ACER-departments.aspx)

L-Aġenzija tinsab f' Ljubljana (is-Slovenja).

## 2. AĦNA NIPPROPONU

L-Aġenzija toffri pożizzjonijiet lil Esperti Nazzjonali Sekondati (ENS) b'esperjenza u motivati ħafna, li se jaħdmu flimkien mal-persunal tal-Aġenzija.

Is-sekondati fl-Aġenzija huma regolati mid-deċiżjoni tal-ACER AB Nru. 02/2011 tat-3 ta' Marzu 2011, *li tistabbilixxi r-regoli dwar is-sekondati ta' esperti nazzjonali lill-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija*. Din id-deċiżjoni hija disponibbli fuq is-[sit web tal-Aġenzija](#).

Espert nazzjonali dwar is-sekondati jibqa' fis-servizz tal-impjegatur tiegħu. Is-sekondati mhux ekwivalenti għal impjegatur, u lanqas ma jwassal għal impjegatur mill-Aġenzija.

Il-pożizzjonijiet ta' ENSs disponibbli fl-Aġenzija huma stabbiliti skont il-profilu f' Anness I.

## 3. KWALIFIKI

### A. Kriterji ta' Eliġibbiltà

Il-kandidat għandu jissodisfa l-kriterji essenzjali li ġejjin:

1. Li jkun impjegatur minn amministrazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali<sup>1</sup> jew Organizzazzjoni Intergovernattiva (OIG).<sup>2</sup>
2. Li jkollu livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għall-istudji universitarji mitmuma ta' tal-inqas tliet snin, attestat b' diploma;
3. Li jkollu tal-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali, relevanti għall-profilu kif irriklamat;
4. Li jkun ħadem għall-impjegatur tiegħu fuq bażi permanenti jew ta' kuntratt għal tal-inqas 12-il xahar qabel is-sekondati tiegħu; l-ENS għandu jibqa' fis-servizz ta' dak l-impjegatur matul il-perjodu ta' sekondati;

<sup>1</sup> Amministrazzjoni pubblika t'fisser is-servizzi amministrattivi kollha tal-Istat, fil-livell ċentrali, federali u reġjonali, li tkun tikkonsisti minn ministeri, gvern u servizzi parlamentari, il-qrati, banek ċentrali, u s-servizzi amministrattivi ta' awtoritajiet lokali, kif ukoll is-servizzi amministrattivi deċentralizzati tal-Istat u ta' tali awtoritajiet. Għall-istess skop, amministrazzjoni pubblika tinkludi wkoll l-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/72/KE u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2009/73/KE.

<sup>2</sup> Id-Direttur tal-ACER, abbażi ta' każ b'każ, jista' jawtorizza sekondati ta' ENS minn impjegatur ieħor minbarra amministrazzjoni pubblika tal-Istat jew OIG, skont l-Artikolu 2.3 tad-deċiżjoni AB Nru. 02/2011 tat-3 ta' Marzu 2011.

## **B. Kriterji tal-Għażla**

5. Kwalifika u esperjenza ta' xogħol kif irriklamat f'kull profil differenti;
6. Fihliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-miktub u orali
7. Abbiltà li jaħdem b'ħala parti minn tim u taħt pressjoni.

## **C. Għarfien tal-lingwi**

L-ENSs għandhom jipproduċu evidenza ta' għarfien tajjeb ħafna tal-lingwa Ingliża (preferibbilment livell C2<sup>3</sup>) u għarfien sodisfaċenti (livell B2) ta' lingwa oħra tal-Komunità sal-punt meħtieġ għall-prestazzjoni tad-doveri tagħhom<sup>4</sup>.

## **4. PROĊEDURA TAL-GĦAŻLA**

Il-kandidati interessati jistgħu japplikaw għal kwalunkwe wieħed mill-profil rriklamati fl-Anness I. L-applikazzjonijiet riċevuti se jiġu evalwati fuq bażi regolari.

Tista' tiġi offruta pożizzjoni b'ħala ENS skont il-ħtiġijiet tal-Aġenzija u d-disponibbiltà baġitarja: is-sekondat se jidħol fis-seħħ permezz ta' skambju ta' ittri bejn id-Direttur tal-ACER u l-impjegatur tal-ENS.

## **5. OPPORTUNITAJIET INDAQS**

L-Aġenzija tapplika politika ta' opportunitajiet ugwali u taċċetta u tittratta l-applikazzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fattizzi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, politika jew xi opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali.

## **6. KUNDIZZJONIJIET TAS-SEKONDAT**

L-ENSs jibqgħu fis-servizz tal-impjegatur tagħhom u, għalhekk, is-salarju tagħhom se jibqa' jitħallas mill-impjegatur tagħhom matul il-perjodu tas-sekondat. Matul il-perjodu tas-sekondat, l-ENSs għandhom jiġu intitolati għal gratifika għas-sussistenza għal kull jum u gratifika għas-sussistenza għal kull xahar, skont id-distanza bejn il-post ta' oriġini tagħhom u l-post tas-sekondat, u kif regolat f'Kapitolu III tad-deċiżjoni tal-ACER AB Nru. 02/2011 tat-3 ta' Marzu 2011.

---

<sup>3</sup> Skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi, disponibbli fuq <https://www.coe.int/en/web/common-european-framework-reference-languages/>

<sup>4</sup> Il-lingwi tal-UE huma: Il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, l-Irlandiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, l-Isoven, l-Ispanjol, u l-Isvediż.

## 7. PROTEZZJONI TAD-DATA

L-applikazzjonijiet għall-ENSs m'għandhomx jiġu rritornati lill-applikanti u għandhom jinżammu f'fajl mill-Aġenzija.

L-għan tal-ipproċessar tad-data li l-kandidati jissottomettu huwa li jkunu mmaniġġjati l-applikazzjoni(jiet) tagħhom fid-dawl tal-possibbiltà ta' għażla minn qabel u reklutaġġ fl-Aġenzija. Id-data personali hija pproċessata minn u aċċessibbli għall-persunal awtorizzat tal-Aġenzija. F'ċerti każijiet, esperti esterni, ukoll marbut bl-istess prinċipji ta' protezzjoni tad-data, jista' jgħin lill-Aġenzija fl-għażla tal-kandidati.

L-Aġenzija tadderixxi ma' u hija regolata mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

L-Aġenzija hija sorveljata mill-KEPD( <http://www.edps.europa.eu> ). Għal aktar mistoqsijiet il-kandidati jistgħu jikkuntattjaw lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data fuq: [DPO@acer.europa.eu](mailto:DPO@acer.europa.eu). Il-kandidati huma mistiedna jikkonsultaw id-dikjarazzjoni ta' privatezza, li tispjega kif l-Aġenzija tipproċessa d-data personali fir-rigward tar-reklutaġġ u l-għażliet, li tinsab fuq is-sit tal-Aġenzija.

## 8. PROĊEDURA TA' APPLIKAZZJONI

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, l-applikanti għandhom jissottomettu:

- *Curriculum vitae* iddettaljat f'format tas-CV Ewropew, bl-Ingliż;
- Ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' paġna) bl-Ingliż li tispjega f'liema pożizzjonijiet kisbu l-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom;
- Dikjarazzjoni ta' unur mimlija kif dovut, li għandha tinkludi l-konferma ta' appoġġ mill-amministrazzjoni tas-sekondat.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu bl-Ingliż u lill-kaxxa postali funzjonali li ġejja: [traineeship@acer.europa.eu](mailto:traineeship@acer.europa.eu), fejn jikkwotaw ir-referenza ta' din is-sejħa għal espressjoni ta' interess fis-suġġett tal-messaġġ.

Sabiex il-proċess tal-għażla jiġi ffaċilitat, il-komunikazzjoni kollha mal-applikanti dwar dan il-post vakanti se ssir bl-Ingliż.

**Din is-sejħa għal espressjoni ta' interess hi indefinita, m'hemm l-ebda skadenza għall-applikazzjoni.**

Jekk f'xi stadju fil-proċedura jiġi stabbilit li l-applikant ipprova xi informazzjoni skorretta, l-applikant inkwistjoni se jiġi skwalifikat.

**Anness I – ACER/SNE/2017/OC**

**PROFIL - Politika ta' REMIT, tranżazzjoni u rappurtar ta' data fundamentali**

- (a) Kontribut għall-preparazzjoni tal-gwida tal-ACER dwar kwistjonijiet tal-Politika ta' REMIT u/jew dwar ir-rappurtar tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa u data fundamentali għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' REMIT tal-Aġenzija;
- (b) Kontribut għall-valutazzjoni u l-preparazzjoni ta' rakkomdanazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-atti delegati u ta' implimentazzjoni skont REMIT, il-valutazzjoni u l-preparazzjoni ta' gwida dwar l-applikazzjoni ta' REMIT għal Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali skont l-Artikolu 16(1) ta' REMIT, il-preparazzjoni ta' rapporti annwali lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 7(3) ta' REMIT u għal kwistjonijiet legali u/jew ta' politika oħra relatati ma' REMIT;
- (c) Komunikazzjoni u interazzjoni mal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (ARN) u mal-partijiet ikkonċernati li ġejjin: Mekkaniżmi ta' Rappurtar Reġistrati, postijiet tas-suq organizzati, assoċjazzjoni ta' parteċipanti fis-suq tal-enerġija, ENTO-G, ENTSO-E, ĠIE u kwalunkwe parti ta' rappurtar oħra;
- (d) Responsabbiltà għal jew kontribut għall-eżekuzzjoni ta' kompiti simili oħrajn, kif assenjati mill-Kap tad-Dipartiment u/jew mid-Direttur.

**KWALIFIKI MIXTIEQA:**

- (a) Grad fl-Ekonomija, fl-Inġinerija jew simili;

**PROFIL B - Analiżi tad-data**

- (a) Kontribut għall-iżvilupp tal-metodi ta' analiżi tad-data tal-Aġenzija;
- (b) Tfassil u żvilupp ta' metodi ta' analiżi tal-kwalità tad-data;
- (c) Kodifikazzjoni u żvilupp ta' applikazzjonijiet analitiċi permezz ta' softwer komuni analitiku u statistiku (Excel, R, lingwa ta' pprogrammar Alice);
- (d) Taħt superviżjoni, l-abbozz ta' dokumenti relatati mal-attivitajiet imsemmijin hawn fuq;
- (e) Responsabbiltà għal jew kontribut għall-eżekuzzjoni ta' kompiti simili oħrajn, kif assenjati mill-Kap tad-Dipartiment u/jew mid-Direttur.

**KWALIFIKI MIXTIEQA:**

- (a) Grad fl-Ekonomija, fl-Inġinerija jew simili;
- (b) Fihiet analitiċi tajbin ħafna u esperjenza sinifikanti fl-immaniġġjar u fl-analiżi tad-data.

### **PROFIL Ċ – Kodiċijiet tan-Netwerk tal-Gass**

- (a) Il-ħidma fuq attivitajiet relatati mal-Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Netwerk (rapporti, opinjonijiet motivati, promozzjoni);
- (b) Is-sostenn tat-tim tal-Kodiċijiet tan-Netwerk f'attivitajiet ta' rapportar oħra, bħal rapport u analiżi tal-kapaċitajiet kundizzjonali, l-implimentazzjoni tal-proċess inkrementali, ir-rieżami tal-proċessi ta' konsultazzjoni tat-tariffi nazzjonali, u l-implimentazzjoni tat-tariffi;
- (c) L-ghajjnuna f'attivitajiet relatati mal-monitoraġġ tas-suq tal-gass, b'konformità mar-responsabbiltajiet tal-Aġenzija f'dan il-qasam, inkluż il-kalkolu, l-iżvilupp u l-irfinar tal-indikaturi tal-effetti tal-Kodiċi tan-Netwerk;
- (d) Il-koordinazzjoni u s-sostenn ta' Task Forces relevanti tal-Aġenzija, kif mitlub mill-Kap tat-Tim jew mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gass;
- (e) Is-sostenn tat-tim tal-Kodiċijiet tan-Netwerk f'kompiti oħra kif mitlub, pereżempju fl-ippjanar tal-attivitajiet tiegħu;
- (f) Ir-responsabbiltà jew il-kontribut għall-eżekuzzjoni ta' kompiti simili oħrajn, kif assenjati mill-Kap tad-Dipartiment u/jew mid-Direttur.

#### **KWALIFIKI MIXTIEQA:**

- (a) Lawrja fl-Ekonomija, fl-Inġinerija jew simili;
- (b) Esperjenza ta' xogħol għal Awtorità Regulatorja Nazzjonali fil-qasam tal-enerġija għal mill-inqas tliet (3) snin qabel l-issekondar;
- (c) Kisba ta' mill-inqas ħames (5) snin ta' esperjenza professjonali.

### **PROFIL D – Elettriku**

- (a) Il-kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rigward tal-adozzjonijiet tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji stabbiliti skont:
  - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku;
  - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni;
  - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku;
- (b) Il-kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet u l-Linji Gwida tan-Netwerk;
- (c) Il-kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rigward tal-istabbiliment, kif ukoll il-monitoraġġ u l-analiżi tal-prestazzjoni ta' ċentri operazzjonali reġjonali kif deskritt fl-Artikolu 43 ta' [tfassil mill-ġdid tar-Regolament dwar l-Elettriku (EC) Nru 714/2009 kif propost mill-COM(2016) 861/2] u l-Artikolu 8 ta' [tfassil mill-ġdid tar-Regolament (EC) Nru 713/2009 kif propost mill-COM(2016) 863/2];
- (d) Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-Linji Gwida Qafas, il-Kodiċijiet u l-Linji Gwida tan-Netwerk fl-oqsma (m) sa (p) elenkati fl-Artikolu 55 ta' [tfassil mill-ġdid tar-Regolament dwar l-Elettriku (EC) Nru 714/2009 kif propost mill-COM (2016) 861/2]. Dawn l-oqsma jinkludu: ir-regoli għall-forniment mhux diskriminatorju u trasparenti ta' servizzi anċillari mhux frekwenti, li jinkludu l-kontroll tal-voltaġġ tal-istatistiċità, l-inerzja, l-injezzjoni ta' kurrent b'reattività mgħaġġla, l-abilità ta' startjar minn mitfġi totali; ir-

rispons tad-domanda, inkluż l-aggregazzjoni, il-ħażna tal-enerġija, u r-regoli dwar it-tnaqqis tad-domanda; ir-regoli ċibernetiċi dwar is-sigurtà ; u r-regoli li jikkonċernaw ċentri operazzjonali reġjonali.

**KWALIFIKI MIXTIEQA:**

- (a) Lawrja fl-Ekonomija, fl-Inġinerija jew simili;
- (b) Kisba ta' mill-inqas tliet (3) snin ta' esperjenza professjonali relatata mal-kompiti speċifikati fil-profil.

**PROFIL E – Sorveljanza tas-Swieq tal-Enerġija bl-Ingrossa**

- (a) Il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-metodi u l-għodda ta' sorveljanza tal-Aġenzija;
- (b) Il-kontribuzzjoni għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-mudelli ta' monitoraġġ;
- (c) Il-kontribuzzjoni għall-iskrinjar tad-data REMIT biex tiġi identifikata mgħiba suspettuża fis-suq;
- (d) L-abbozzar ta' dokumenti relatati mal-attivitajiet imsemmija hawn fuq;
- (e) Ir-responsabbiltà jew il-kontribut għall-eżekuzzjoni ta' kompiti simili oħrajn, kif assenjati mill-Kap tad-Dipartiment u/jew mid-Direttur.

**KWALIFIKI MIXTIEQA:**

- (a) Lawrja fl-Ekonomija, fl-Inġinerija; fil-Matematika, fil-Fiżika jew fix-Xjenza tal-Kompjuter;
- (b) Ħiliet analitiċi b'saħħithom u esperjenza fl-użu ta' għodda ta' softwer ta' sorveljanza;
- (c) Għarfien tas-swieq u/jew tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa;
- (d) L-iprogrammar f' mill-inqas pakkett ta' softwer statistiku wieħed ikun ta' vantaġġ.

**PROFIL F – Amministratur / Żviluppatur ta' Sharepoint**

- (a) L-amministrazzjoni u s-sostenn għall-infrastruttura u s-servizz tas-server ta' Sharepoint għal ġestjoni ta' kuljum;
- (b) Il-manutenzjoni u t-titjib tas-servers ta' Sharepoint;
- (c) Id-disinn u l-manutenzjoni tal-flussi tax-xogol ta' Sharepoint;
- (d) Id-disinn u l-ġestjoni tal-formoli b' Sharepoint Designer u InfoPath;
- (e) L-amministrazzjoni u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tas-server tal-Windows;
- (f) Ir-responsabbiltà jew il-kontribut għall-eżekuzzjoni ta' kompiti simili oħrajn, kif assenjati mill-Kap tad-Dipartiment u/jew mid-Direttur.

**KWALIFIKI MIXTIEQA:**

- (a) Lawrja fis-Sistemi ta' Informazzjoni, fl-Inġinerija jew simili;
- (b) Ħiliet tajbin fl-ICT - Sistemi tal-Windows, server ta' Sharepoint, netwerking, MS SQL.

**DIKJARAZZJONI TA' UNUR**

Jien, is-sottoskritt,

KUNJOM :

ISEM(ISMIJIET) MOGĦTI(JA):

DATA U POST TAT-TWELID :

NAZZJONALITÀ :

NIDDIKJARA LI

- Jien impjegat minn amministrazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali jew Organizzazzjoni Intergovernattiva (OIG)<sup>1</sup>;
- Jien għandi livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' tal-inqas tliet snin, attestat b' diploma;
- Jien għandi tal-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali, rilevanti għall-profilu rriklamati f' Anness I (Ref. \_\_\_\_\_);
- Jien ħdimt għall-impjegatur tiegħi fuq bażi permanenti jew ta' kuntratt għal tal-inqas 12-il xahar (qabel is-sekondat);
- L-impjegatur tiegħi jappoġġja l-kandidatura tiegħi (l-impjegatur tiegħi se jkompli jħallas is-salarju tiegħu, iżomm l-istatus amministrattiv tiegħi matul il-perjodu ta' sekondat u jkompli jkun responsabbli għad-drittijiet soċjali kollha tiegħi relatati mal-impjieġ, partikolarment is-sigurtà soċjali u l-pensjoni)

Post:

Data:

Firma:

---

<sup>1</sup> Amministrazzjoni pubblika tfisser is-servizzi amministrattivi kollha tal-Istat, fil-livell ċentrali, federali u reġjonali, li tkun tikkonsisti minn ministeri, gvern u servizzi parlamentari, il-qrati, banek ċentrali, u s-servizzi amministrattivi ta' awtoritajiet lokali, kif ukoll is-servizzi amministrattivi deċentralizzati tal-Istat u ta' tali awtoritajiet. Għall-istess skop, amministrazzjoni pubblika tinkludi wkoll l-awtoritajiet regolatorji msemmija fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2009/72/KE u l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2009/73/KE.